MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 229/2009

**A A**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Settembru 1994; li minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-sena 1997; li l-partijiet kienu sseparaw de facto f’ din is-sena; li l-partijiet kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni ta’ xejn, u r-rikorrenti mall-ewwel irrealizza li ma kienx lest li jghix il-hajja mizzewga; li l-kunsens matrimonjali tar-rikorrent kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [g] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet bhala null u invalidu fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, filwaqt li cahdet dak imputat lilha mill-attur, teccepixxi li l-attur wahdu ghandu jgorr il-htija tan-nullita’;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kontrattat fl-24 ta’ Settembru 1994 huwa null fil-ligi fit-termini ta’ l-artikoli fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak imputat lilha, u ssostni li n-nullita’ hija unikament htija tal-attur li allura ghandu jehel bl-ispejjez kollha.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Settembru 1994 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba’ snin.  Minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-sena 1997.

Il-partijiet isseparaw de facto l-ewwel darba fis-sena 1997 ftit xhur wara t-twelid tat-tifel, u wara konvivenza ta’ circa tmien snin iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fit-13 ta’ Lulju 2006.

*Verzjoni Attur*
L-attur jispjega li huwa minn dejjem kellu l-vizzju tan-nisa, fis-sens li kellu mpuls qawwi li jekk jara mara toghgbu, huwa  jmur maghha u ma jqis xejn aktar.

Konformament ma’ dan, huwa rrakkonta li, sa minn qabel iz-zwieg u f’ dawk l-erba’ snin li kien johrog mal-konvenuta, allura gharusa tieghu, huwa kien infidil lejha meta kellu relazzjoni, ad insaputa taghha, ma’ zewg nisa li jidentifikom b’ isimhom.  Jghid li huwa kien jaghmel is-

sess magħhom, u ma kienx iqis ic-cirkostanzi tiegħu. Fi kliemu: "Kont ghadni zghir u ma kont nahseb xejn".[1]

Dan il-vizzju kompla jimmanifesta ruhu anke wara z-zwieg, u jirrakkonta okkazzjoni meta, hekk kif ghadhom kif kellhom it-tifel, huwa mar Sqallija ma' mara ohra, filwaqt li lil martu kien qallha li hu kien ser imur ma' habib tieghu. Meta l-konvenuta skopriet dan l-ingann da parti ta' zewgha, hija telqet mid-dar ghal ftit xhur u marret tghix ghand il-genituri taghha. Eventwalment regghet marret lura d-dar tikkonvivi ma' zewgha.

Izda wara ftit zmien zewgha kien ipperswadiha sabiex jghinu mara, identifikata b' isimha, li skond hu kellha tifla u ma kellhiex fejn toqghod. L-attrici dahhlet lil din il-mara go darhom temporanejament sakemm din issib fejn toqghod; izda maz-zmien bdiet tinnotta komportament li beda jqajjem suspett fiha li zewgha kien qed jittradija ma' din il-persuna. Rizultat ta' dan, il-konvenuta kriet flat lil din il-mara sabiex din tkun tista' tohrog minn darha, u tmur tghix fih. Eventwalment, il-konvenuta, wara xi zmien li kienet taghmel l-ghassa lil zewgha, skopriet li l-konvenut kien qed ikollu x' jaqsam sesswalment ma' din il-mara.

L-attur jghid li kien huwa li nduca lill-konvenuta sabiex taghti kenn temporanju lil din il-mara, li meta bdiet toqghod maghhom, huwa kien ikollu relazzjonijiet intimi maghha.

Wara din l-okkazzjoni l-konvenuta kecciet lill-attur mid-dar konjugali u l-partijiet isseparaw de facto, u wara xahar l-attur mar jikkonvivi mal-habiba tieghu.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur. Tghid li tlett xhur qabel iz-zwieg hija kienet issuspettat li l-attur, allura l-gharus taghha, ma kienx fidil

[1] Fol.40

lejha, izda ghazlet li twarrab dawn is-suspetti u komplet bir-relazzjoni.

Tghid li wara z-zwieg, hija kienet skopriet li l-attur, allura zewgha, kien mar Sqallija ma' mara ohra;  u ghalhekk kienet telqet mid-dar ghal ftit xhur, izda wara, irritornat.  Il-konvenuta tghid li zewgha kien jigdbilha kontinwament.

Sussegwentement l-attur qallha dwar mara li kellha tifla u ma kellhiex fejn toqghod. Kien "laghbni bid-diskors tieghu, u jien qalbi tajba u thassart lil din il-persuna …. u jien ghidtlu [lill-attur] jekk trid inzommha ftit taz-zmien forsi sakemm zewgha jsib xoghol, ghax thassart anke lit-tifla …. thassartha u zammejtha mieghi.."[2]  Izda wara sitt xhur bdiet tissuspetta li hemm xi haga bejn din il-mara u zewgha, u ghalhekk krietilha flat sabiex titlaq mid-dar taghhom u tmur tabita fih.  Eventwalment il-konvenuta qabdet lill-attur f' dan il-flat u skopriet li kellhom relazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta car li, u ex admissis, li l-attur ma kienx kapaci, la qabel u lanqas wara z-zwieg, li jzomm relazzjoni ma' mara wahda, u kien jiehu l-okkazzjoni meta tipprezenta ruhha, irrispettivament mill-obbligi tieghu, kemm bhala gharus, kif ukoll bhala ragel mizzewweg. Huwa stess jghid li dan kien vizzju u ma kienx kapaci jikkontrolla ruhu.  Din kienet il-problema fiz-zwieg bejn il-partijiet, u li eventwalment wasslet ghat-tkissir irrimedjabbli tal-konvivenza matrimonjali.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront ta' l-attur il-caput nullitatis kontemplat fit-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-attur kien manifestament inkapaci li jassumi l-obbligi essenzjali ghall-hajja matrimonjali, senjatament dak tal-fedelta' u l-eskluzzivita' fl-unjoni matrimonjali.  Dan kien irrendih inkapaci li jistabbilixxi ma' martu komunjoni ta' hajja u mhabba.

---

[2] Dep - .fol.57 *et seq.*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq indikata, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Settembru 1994.

Spejjez kollha a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------